31994D0822

L 341/61 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 30.12.1994

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tad-19 ta' Diċembru 1994
Dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Affrika t'Isfel

(94/822/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikoli 113 u 130y, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 228(2) u l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 tiegħu

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi l-linji ta' gwida ġenerali maħruġa mill-Kunsill Ewropew fid-29 ta' Ottubru 1993, id-deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1993 dwar l-iżvilupp ta' kooperazzjoni fil-futur ma' l-Affrika t'Isfel u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/678/CFSP tas-6 ta' Diċembru 1993 dwar azzjoni konġunta adottata mill-Kunsill fuq il-bażi ta' l-Artikolu J.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea dwar sostenn għat-transizzjoni għal Affrika t'Isfel demokratika u multi-razzjali [2] jiddisponu għall-ħolqien ta' qafas xieraq biex jikkonsolida s-sisien ekonomiċi u soċjali ta' din it-transizzjoni;

Billi fil-laqa' tiegħu tat-18 u d-19 ta' April 1994 il-Kunsill iddeċieda li jadotta pakkett ta' miżuri għall-Affrika t'Isfel, inkluża offerta li jiġi konkluż ftehim malajr;

Billi l-Komunità għandha tapprova, għall-kisba ta' l-għanijiet tagħha fil-qasam tar-relazzjonijiet barranin, il-Ftehim ta' Kooperazzjoni negozjat ma' l-Affrika t'Isfel,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Affrika t'Isfel hu hawnhekk approvat f'isem il-Komunità.

It-test ta' dan il-Ftehim huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem il-Komunità, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 8 ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 3

Din id-Deċizjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' Diċembru 1994.

Għall-Kunsill

Il-President

K. KINKEL

---

(1) Opinjoni mogħtija fit-30 ta' Novembru 1994 (għad mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

(2) ĠU L 316, tas-17.12.1993, p. 45.